

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 317/2013

tat-8 ta' April 2013

li temenda l-Annessi tar-Regolamenti (KE) Nru 1983/2003, (KE) Nru 1738/2005, (KE) Nru 698/2006, (KE) Nru 377/2008 u (UE) Nru 823/2010 fir-rigward tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2003 li jirrigwarda l-istatistika Komunitarja dwar l-introjtu u l-kundizzjonijiet tal-ġhajxien (UE-SILC) ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 tad-9 ta' Marzu 1999 li jikkonċerna l-istatistiċi strutturali dwar il-qligħ u dwar l-ispejjeż tax-xogħol ⁽²⁾, u partikolarment l-Artikolu 11 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 tad-9 ta' Marzu 1998 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità ⁽³⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2008 dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja ⁽⁴⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

- (1) L-introduzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni aġġornata hija ċentrali għall-isforzi kontinwi tal-Kummissjoni biex tinżamm ir-rilevanza tal-istatistika Ewropea, billi jitqiesu l-iżviluppi u l-bidliet fil-qasam tal-edukazzjoni.
- (2) L-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, ix-Xjenza u l-Kultura (il-Unesco) irrediet il-verżjoni tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni (l-ISCED) li ntużat sa issa (l-ISCED 1997) bl-għan li jkun żgurat li hija konsistenti mal-iżviluppi fil-politiki u l-istrutturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ.

(3) Il-komparabbiltà internazzjonali tal-istatistika tal-edukazzjoni teħtieġ li l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-Unjoni jużaw klassifikazzjonijiet tal-edukazzjoni li huma kompatibbli mal-verżjoni riveduta tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni ISCED 2011 (minn hawn 'il quddiem "ISCED 2011"), kif adottata mill-Istati Membri tal-Unesco fis-36 Konferenza Ġenerali f'Novembru 2011.

(4) L-istabbiliment ta' verżjoni riveduta tal-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni jwassal għall-ħtieġa li jkunu emendati bosta referenzi għall-ISCED, l-ISCED 97 u l-ISCED 1997 kif ukoll li jkunu emendati għadd ta' strumenti rilevanti.

(5) Għaldaqstant huwa meħtieġ li jkunu emendati skont ir-Regolamenti li ġejjin: Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1983/2003 tas-7 ta' Novembru 2003 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika tal-Komunità fuq id-dħul u l-kundizzjonijiet tal-ħajja (UE-SILC) rigward il-lista ta' varjabbli ta' mira primarja ⁽⁵⁾; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1738/2005 tal-21 ta' Ottubru 2005 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1916/2000 li jirrigwarda d-definizzjoni u t-trażmissjoni tat-tagħrif dwar l-istruttura tal-qligħ ⁽⁶⁾; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 698/2006 tal-5 ta' Mejju 2006 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 530/1999 rigward l-evalwazzjoni tal-kwalità tal-istatistiki strutturali dwar l-ispejjeż tax-xogħol u l-qligħ ⁽⁷⁾; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 377/2008 tal-25 ta' April 2008 li jimplimenta r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 dwar l-organizzazzjoni ta' sħarriġ ta' kampjuni tal-forza tax-xogħol fil-Komunità fir-rigward tal-kodifikazzjoni li għandha tintuża għat-trażmissjoni ta' dejta mill-2009 'il quddiem, u l-użu ta' subkampjun għall-ġbir ta' dejta dwar il-varjabbli strutturali u d-definizzjoni tal-kwarti ta' referenza ⁽⁸⁾; Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru

⁽¹⁾ ĠU L 165, 3.7.2003, p. 1.⁽²⁾ ĠU L 63, 12.3.1999, p. 10.⁽³⁾ ĠU L 77, 14.3.1998, p. 3.⁽⁴⁾ ĠU L 145, 4.6.2008, p. 227.⁽⁵⁾ ĠU L 298, 17.11.2003, p. 34.⁽⁶⁾ ĠU L 279, 22.10.2005, p. 32.⁽⁷⁾ ĠU L 121, 6.5.2006, p. 30.⁽⁸⁾ ĠU L 114, 26.4.2008, p. 57.

823/2010 tas-17 ta' Settembru 2010 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 452/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-produzzjoni u l-iżvilupp tal-istatistika dwar l-edukazzjoni u t-tagħlim tul il-ħajja, f'dak li għandu x'jaqsam mal-parteċipazzjoni tal-adulti fit-tagħlim tul il-ħajja ⁽¹⁾.

- (6) Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tas-Sistema Statistika Ewropea,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1983/2003

In-nota f'qiegħ il-paġna Nru 19 fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 1983/2003 qed tinbidel b'dan li ġej:

"ISCED 2011: Klassifikazzjoni standard internazzjonali tal-edukazzjoni 2011."

Artikolu 2

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 1738/2005

Ir-Regolament (KE) Nru 1738/2005 huwa emendat kif ġej:

- (1) "ISCED 97" tinbidel bi "ISCED 2011" matul l-Annessi.

- (2) Il-Varjabbli 2.5 tal-Anness I jinbidel b'dan li ġej:

"Il-livell edukattiv miksub (ISCED 2011)"

- (3) Il-Varjabbli 2.5 tal-Anness II jinbidel b'dan li ġej:

"Il-livell edukattiv miksub (ISCED 2011)"

Dan il-varjabbli jikkonċerna l-ogħla livell ta' edukazzjoni li nkiseb b'suċċess, li l-impjegat ingħata skont il-Klassifikazzjoni Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni, il-verżjoni tal-2011 (ISCED 2011). L-espressjoni "livell miksub b'suċċess" għandu jiġi assoċjat mal-kisba ta' ċertifikat jew diploma, fejn

hemm ċertifikazzjoni. F'każijiet fejn m'hemmx ċertifikazzjoni, kisba b'suċċess għandha tkun assoċjata ma' attendenza sħiħa.

Il-gruppi ta' kodiċijiet li jridu jintużaw huma definiti fl-Arranġamenti ta' Implimentazzjoni tal-istħarriġ SES."

Artikolu 3

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 698/2006

Ir-Regolament (KE) Nru 698/2006 huwa emendat kif ġej:

Fit-taqsima 2.1(2) tal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 698/2006, ir-referenza għal "livell tal-edukazzjoni (ISCED minn 0 sa 6)" qed tinbidel bi "il-livell edukattiv miksub (ISCED 2011 mil-livell 0 sa 8)".

Artikolu 4

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 377/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 377/2008 huwa emendat kif ġej:

L-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 377/2008 huwa emendat skont l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 5

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 823/2010

Ir-Regolament (KE) Nru 823/2010 huwa emendat kif ġej:

L-Annessi I u II għar-Regolament (UE) Nru 823/2010 huma emendati skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Ir-Regolament għandu japplika mis-sena ta' referenza li tibda fl-1 ta' Jannar 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' April 2013.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 246, 18.9.2010, p. 33.

ANNEX I

Emenda għar-Regolament (KE) Nru 377/2008

(1) Fl-Anness III l-istruzzjonijiet għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli "HATLEVEL", "HATFIELD", u "HATYEAR" għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
"HATLEVEL"	197/199	KULL TLIET XHUR	000	Ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1	Kull min għandu 15-il sena jew aktar
			100	ISCED 1	
			200	ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 li jgħid li jgħid li jgħid minn sentejn)	
			302	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss)	
			303	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss	
			304	l-ISCED 3 b'aċċess għall-ISCED 5, 6 jew 7	
			300	il-programm tal-ISCED 3 li jgħid li jgħid li jgħid distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED	
			400	ISCED 4	
			500	ISCED 5	
			600	ISCED 6	
			700	ISCED 7	
			800	ISCED 8	
			999	Mhux applikabbli (tifel/tifla ta' taħt il-15-il sena)	
			blenk	Ebda tweġiba	
HATYEAR	200/203	KULL SENA		<i>Is-sena meta dan il-livell inkiseb b'suċċess</i>	HATLEVEL = 100-800
				Jiddaħħlu l-4 numri tas-sena meta l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ inkiseb b'suċċess	
			9999	Not applicable (HATLEVEL ≠ 100 to 800)	
			blenk	Ebda tweġiba	

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
HATVOC	204	KULL TLIET XHUR		<i>L-orjentazzjoni ta' dan il-livell</i>	HATLEVEL = 300 to 400 and
			1	Ġenerali	(15 ≤ ETÀ ≤ 34 jew
			2	Vokazzjonali	(ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR ≤ 15))
			9	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 400 jew (ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR > 15))	
			blenk	Ebda tweġiba	
HATFIELD	205/208	KULL SENA		<i>Il-qasam ta' dan il-livell</i>	HATLEVEL = 300 sa 800 u
			0000-9998	<i>Il-Livell 1 tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ⁽²⁾</i>	(15 ≤ ETÀ ≤ 34 jew
			9999	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 800 jew (ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR > 15))	(ETÀ > 34 u REFYEAR - HATYEAR ≤ 15))
			blenk	Ebda tweġiba	

(¹) L-ogħla livell ta' edukazzjoni li nkiseb b'suċċess kif definit mill-ISCED 2011, kodifikar ibbażat fuq l-immepjar tal-ISCED li jrid jitwassal lill-Eurostat.

(²) Jew subdiviżjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ."

- (2) Fl-Anness III il-varjabbli "EDUCFILD" u l-istruzzjonijiet għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli "EDUCLEVL", għandu jinbidel b'dan li ġej:

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
"EDUCLEVL"	209	KULL TLIET XHUR		<i>Livell ta' din l-edukazzjoni⁽¹⁾</i>	EDUCSTAT = 1 jew 3
			1	ISCED 1	
			2	ISCED 2	
			3	ISCED 3	
			4	ISCED 4	
			5	ISCED 5	
			6	ISCED 6	
			7	ISCED 7	
			8	ISCED 8	
			9	Mhux applikabbli (EDUCSTAT ≠ 1 jew 3)	
	blenk	Ebda tweġiba			
EDUCVOC	210	KULL TLIET XHUR		<i>L-orjentazzjoni ta' din l-edukazzjoni</i>	EDUCLEVL = 3 sa 4
			1	Ġenerali	

Isem	Kolonna	Perjodiċità	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru/Kummenti
			2	Vokazzjonali	
			9	Mhux applikabbli (EDUCLEVL ≠ 3 sa 4)	
			blenk	Ebda tweġiba	

(¹) Kodifikar ibbażat fuq l-immeppjar tal-ISCED li jrid jitwassal lill-Eurostat.”

ANNEX II

Emenda għar-Regolament (UE) Nru 823/2010

- (1) Fl-Anness I l-istruzzjonijiet għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli "HATLEVEL", "HATFIELD", "HATYEAR", "HATVOC", "HATOTHER", "HATOTHER_LEVEL", "HATOTHER_VOC", "HATOTHER_FIELD", "HATCOMP" u "HATCOMPHIGH" għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
"HATLEVEL"		IL-LIVELL EDUKATTIV MIKSUB (L-ogħla livell ta' edukazzjoni miksub b'suċċess kif definit mill-ISCED 2011, kodifikar ibbażat fuq l-immepjar tal-ISCED irid jitwassal lill-Eurostat)	Kulħadd
		000	Ebda edukazzjoni formali jew anqas mill-ISCED 1
		100	ISCED 1
		200	ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 li jtulu anqas minn sentejn)
		302	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss)
		303	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss
		304	l-ISCED 3 b'aċċess għall-ISCED 5, 6 jew 7
		300	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED
		400	ISCED 4
		500	ISCED 5
		600	ISCED 6
		700	ISCED 7
		800	ISCED 8
		- 1	Ebda tweġiba
HATFIELD		IL-QASAM TAL-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI MIKSUB B'SUĊĊESS	HATLEVEL = 300 sa 800
	0000-9998	Il-Livell 1 tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ (1) (1) jew subdiviżjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-dettalji mogħtija fil-Manwal dwar l-Istħarriġ tal-Edukazzjoni tal-Adulti msemmi fl-Artikolu 6	
		- 1	Ebda tweġiba
		- 2	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 800)
HATYEAR		IS-SENA META NKISEB B'SUĊĊESS L-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI	HATLEVEL ≠ 000, -1
	4 numri	Jiddaħħlu l-erba' numri tas-sena meta nkiseb b'suċċess l-ogħla livell ta' edukazzjoni jew taħriġ	

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (HATLEVEL = 000, -1)	
HATVOC		L-ORJENTAZZJONI TAL-OGĦLA LIVELL TA' EDUKAZZJONI MIKSUB B'SUĊĊESS	HATLEVEL = 300 sa 400 u (REFYEAR - HATYEAR) ≤ 20
	1	Edukazzjoni ġenerali	
	2	Edukazzjoni vokazzjonali	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 400 jew (REFYEAR - HATYEAR) > 20	
HATOTHER (fakultattiv)		EDUKAZZJONI JEW TAĦRIĠ FORMALI OĦRAJN LI NKISBU B'SUĊĊESS F'QASAM IEĦOR MINBARRA "HATLEVEL"	HATLEVEL = 300 sa 800 u (REFYEAR - HATYEAR) ≤ 20
	1	Iva	
	2	Le	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (HATLEVEL ≠ 300 sa 800 jew (REFYEAR - HATYEAR) > 20	
HATOTHER_LEVEL (fakultattiv)		Il-livell tal-programm tal-edukazzjoni formali	HATOTHER = 1
	300-800	Ikkodifikat bħala HATLEVEL	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (HATOTHER ≠ 1)	
HATOTHER_VOC (fakultattiv)		L-orjentazzjoni tal-programm tal-edukazzjoni formali	HATOTHER = 1 u HATOTHER_LEVEL = 300 sa 400
	1-2	Ikkodifikat bħala HATVOC	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (HATOTHER ≠ 1 jew HATOTHER_LEVEL ≠ 300 sa 400)	
HATOTHER_FIELD (fakultattiv)		Il-qasam tal-programm tal-edukazzjoni formali	HATOTHER = 1 u HATOTHER_LEVEL = 300 sa 800
	0000-9998	Ikkodifikat bħala HATFIELD	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (HATOTHER ≠ 1 jew HATOTHER_LEVEL ≠ 300 sa 800)	
HATCOMP (fakultattiv)		IL-PROCĊURA TAR-RIKONOXIMENT TAL-HILJET U L-KOMPETENZI	Kulħadd
	1	Iva, iċ-ċertifikazzjoni miksuba	
	2	Iva, il-proċedura għadha għaddejja	
	3	Le	
	- 1	Ebda tweġiba	

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
HATCOMPHIGH (fakultattiv)		IR-RIKONOXXIMENT TAL-HILJET u L-KOMPETENZI JIPPERMETTI AĊĊESS GĦAL programm ta' edukazzjoni formali ogħla mil-livell imsemmi f'“HATLEVEL”	HATCOMP = 1, 2 u HATLEVEL ≠ 000, -1
	1	<i>Iva</i>	
	2	<i>Le</i>	
	- 1	<i>Ebda tweġiba</i>	
	- 2	<i>Mhux applikabbli (HATCOMP ≠ 1, 2 jew HATLEVEL = 000, -1)”</i>	

- (2) Fl-Anness I l-istruzzjonijiet għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli “DROPHIGH”, “DROPLEVEL”, u “DROPVOC” għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
“DROPHIGH		Edukazzjoni FORMALi MWAQQFA, flivell ogħla mil-livell imsemmi f'“HATLEVEL” iżda MHUX KOMPLUT	HATLEVEL ≠ 000, -1 u (REFYEAR - HATYEAR) ≤ 20
	1	<i>Iva</i>	
	2	<i>Le</i>	
	- 1	<i>Ebda tweġiba</i>	
	- 2	<i>Mhux applikabbli (HATLEVEL = 000, -1 jew (REFYEAR- HATYEAR) > 20)</i>	
DROPLEVEL		Il-livell tal-edukazzjoni FORMALI mhux komplut (kif definit mill-ISCED 2011)	DROPHIGH = 1
	200	ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 li jtulu anqas minn sentejn)	
	302	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss)	
	303	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss	
	304	l-ISCED 3 b'aċċess għall- ISCED 5, 6 jew 7	
	300	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED	
	400	ISCED 4	
	500	ISCED 5	
	600	ISCED 6	
	700	ISCED 7	
	800	ISCED 8	
	- 1	<i>Ebda tweġiba</i>	
	- 2	<i>Mhux applikabbli (DROPHIGH ≠ 1)</i>	

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
DROPVOC (fakultattiv)		L-orjentazzjoni tal-edukazzjoni FORMALI mhix kompluta	DROPLEVEL = 300 sa 400 u (REFYEAR - HATYEAR) ≤ 20
	1	Edukazzjoni ġenerali	
	2	Edukazzjoni vokazzjonali	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (DROPLEVEL ≠ 300 sa 400 jew (REFYEAR - HATYEAR) > 20)	

- (3) Fl-Anness I l-istruzzjonijiet għall-kodifikazzjoni tal-varjabbli "FEDLEVEL", "FEDFIELD" u "FEDVOC" għandhom jinbidlu b'dan li ġej:

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
"FEDLEVEL"		Il-livell tal-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni FORMALI (kif definit mill-ISCED 2011)	FEDNUM ≥ 1
	100	ISCED 1	
	200	ISCED 2 (inklużi l-programmi tal-ISCED 3 li jtulu anqas minn sentejn)	
	302	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, sekwenzjali (jiġifieri aċċess għal programm tal-ISCED 3 li jmiss biss)	
	303	il-programm tal-ISCED 3 itul sentejn u aktar, terminali jew aċċess għall-ISCED 4 biss	
	304	l-ISCED 3 b'aċċess għall-ISCED 5, 6 jew 7	
	300	il-programm tal-ISCED 3 li jtul sentejn u aktar, mingħajr distinzjoni possibbli ta' aċċess għal livelli oħra tal-ISCED	
	400	ISCED 4	
	500	ISCED 5	
	600	ISCED 6	
	700	ISCED 7	
	800	ISCED 8	
	- 2	Mhux applikabbli (FEDNUM = 0)	
FEDFIELD		Il-qasam tal-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni FORMALI	FEDNUM ≥ 1 u FEDLEVEL = 300 sa 800
	0000-9998	Il-Livell 1 tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ (1) (1) jew subdiviżjonijiet tal-klassifikazzjoni tal-oqsma tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-dettalji mogħtija fil-Manwal dwar l-Istħarriġ tal-Edukazzjoni tal-Adulti msemmi fl-Artikolu 6	
	- 1	Ebda tweġiba	
	- 2	Mhux applikabbli (FEDNUM = 0 jew FEDLEVEL ≠ 300 to 800)	

Isem il-varjabbli u l-istatus	Kodiċi	Deskrizzjoni	Filtru
FEDVOC		L-orjentazzjoni tal-aktar attività riċenti ta' edukazzjoni FORMALI	FEDLEVEL = 300 sa 400
	1	<i>Edukazzjoni ġenerali</i>	
	2	<i>Edukazzjoni vokazzjonali</i>	
	- 1	<i>Ebda twēgiba</i>	
	- 2	<i>Mhux applikabbli (FEDLEVEL ≠ 300 sa 400)</i>	

- (4) Fl-Anness II, "Rekwiżiti għat-teħid tal-kampjuni u għall-preċiżjoni", fil-paragrafu 3, l-indikatur "Ir-rata tal-parteċipazzjoni (%) fl-edukazzjoni u t-taħriġ mhux formali ta' persuni b'livell għoli tal-edukazzjoni (il-livelli 5-6 tal-ISCED)" għandu jinbidel bi "Ir-rata tal-parteċipazzjoni (%) fl-edukazzjoni u t-taħriġ mhux formali ta' persuni b'livell għoli ta' edukazzjoni (il-livelli 5-8 tal-ISCED)".